**Paġna Artistika**



Paul Cassar BA(Hons) Melit.

# Il-Madonna *Pastorella*

Żejt fuq it-tila
125 b'99 ċentimetru (eskluż il-gwarniċ)

*Tema pjuttost ħelwa u rari fil-wesgħa ikonografika ta' pajjiżna hija l-Madonna taħt it-titlu ta'* "Divina Pastorella". *B'xorti tajba, fil-kumpless tas-Seminarju Maġġuri fil-Belt Victoria, Għawdex, insibu kwadru mdaqqas ta' valur artistiku notevoli li jkompli jżid mal-wirt artistiku tal-imsemmi kumpless. Ftit huma l-kwadri ta' dan it-tip f'pajjiżna. Fil-fehma tal-istudjużi u kritiċi tal-arti lokali, eżempji ikonografiċi simili huma waħdiet u għalhekk huma imprezzabbli għall-iżvilupp artistiku ta' pajjiżna.*

*L-iskop ta' dan il-kontribut hu li jressaq għal attenzjoni aktar mistħoqqa dan ix-xogħol li minħabba n-natura ikonografika tiegħu seta' tilef mill-importanza artistika u teoloġika li jħaddan.*



*Huwa stat ta' fatt li fi gżiritna, speċjalment fil-knejjes u fil-kumplessi ekkleżjastiċi, jeżisti numru mdaqqas ta' xogħolijiet li jħaddnu partikularità fix-xorta tagħhom. Dan huwa l-faxxinu tal-arti: li tibni storja b'espressjonijiet tematiċi u stilistiċi diversi.*

Il-kwadru li għażilt li nikteb dwaru preżentament jinsab imdendel f'waħda mis-swali tal-kumpless tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Għalkemm kien suġġett għal numru ta' interventi sfortunati, fil-parti l-kbira tiegħu x-xogħol għadu jista' jiġi apprezzat. In-nuqqas ta' tagħrif fuq l-awtur u l-provenjenza tal-kwadru jippreżentaw stampa kumplessa fl-iskop ta' dan il-kontribut. Stilistikament il-kwadru jersaq ħafna viċin xogħlijiet tal-aħħar snin tas-seklu tmintax. Għalkemm ebda test ma jsaħħaħ din l-ipotesi, jista' jagħti l-każ li dan il-kwadru huwa xogħol lokali mpitter f'xi waqt fl-imsemmi żmien. Madanakollu, diffiċli wieħed jasal għal xi tip ta' konklużjoni, għaliex is-seklu tmintax kien żmien meta f'pajjiżna x-xena artistika kienet fl-aqwa tagħha frott ta' diversi xogħolijiet lokali u barranin. Kwadri ta' bosta artisti promettenti waslu fuq xtutna u dan wassal biex mhux biss stagħniet Malta, imma artisti lokali ddakkru minn stili u espressjonijiet ġodda permezz ta' dawn ix-xogħolijiet. Bosta kwadri ta' ġeneri diversi kienu kkummissjonati u eventwalment akkwistati f'kollezzjonijiet imxerrdin f'pajjiżna. Dan x'aktarx kien id-destin tal-kwadru li fuqu qed nitkellmu. Diffiċli li xogħol tat-tip (b'ikonografija rari għal gżiritna) kien ikkummissjonat esklussivament għas-Seminarju. Tagħmel sens aktar l-ipotesi li l-kwadru f'xi żmien ġie akkwistat għal dan il-kumpless minn xi kappella jew knisja f'Għawdex;liema destin japplika għall-parti l-kbira tal-kwadri li jżejnu l-ħitan tal-imsemmi kumpless.

F'sens ikonografiku, il-punt tat-tluq hija l-figura simbolika tar-Ragħaj it-Tajjeb li dwaru jikteb l-Evanġelista San Ġwann: "Jien hu r-Ragħaj it-tajjeb. Ir-Ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ. Imma l-mikri u dak li mhux ragħaj, li

n-nagħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej u jħalli n-nagħaġ u jaħrab, u l-lupu jaħtaf in-nagħaġ u jxerridhom..." (Ġw 10,11-12).



L-importanza ta' dan il-kwadru, li pjuttost għandha aktar valur mill-artistiċità tiegħu, tinsab fin-nisġa ta' elementi simboliċi u teoloġiċi. Minflok ma niġu pprezentati bil-figura ta' Ġesù bħala r-ragħaj, il-Madonna tissellef dan ir-rwol u 'l bogħod mis-superfiċjalità tax-xogħol, hi tippersonifika r-responsabiltà li biha u għaliha Binha ġie mnissel. Ragħaj tajjeb huwa dak li jindokra lill-merħla tiegħu u jagħraf li l-ebda waħda minnhom ma tintilef jew tweġġa'. In-nagħġa f'dan il-każ tirrappreżenta lilek u lili, li lkoll nidhru indokrati b'ħarsitha. L-istess bħalma jagħmel Binha, Marija toħloq konfini bħala mezz ta' assigurazzjoni, u jekk ikun il-każ, hi saħansitra toffri li tagħti ħajjitha għan-nagħaġ (ara Ġw 10,15). Ir-roża f'ħalq n-nagħaġ huwa ġest reċipoku. Il-fwieħa tal-fjuri hi t-tifħir lill-Madonna – l-għajn tal-grazzja divina. F'dan il-kuntest ir-rappreżentazzjoni tal-Madonna tista' titqies bħala medjatriċi, il-punt ta' riferiment li l-midneb jirrikorri għalih f'mumenti diffiċli. Għaldaqstant, mil-lenti teoloġika l-Madonna tidher għandha żewġ personifikazzjonijiet: dik ta' kuratriċi u ta' korredentriċi. Ma' dawn il-valuri jitwaħħad ir-rwol simboliku tal-Arkanġlu San Mikiel li jidher fl-isfond tal-kompożizzjoni ċentrali. Sa mill-ħolqien tal-bniedem, l-isfida tal-ħażen kienet prijorità għal Alla. Għalhekk, l-Arkanġlu jwettaq dak li kien imwiegħed minn Alla, u jiġġieled dan it-telfien (fil-każ tagħna fir-rappreżentazzjoni tal-lupu) sal-qerda tiegħu. Il-midneb li jinħeles minn dan l-għawġ, primarjament permezz tal-interċessjoni divina tal-Madonna, huwa bħal dik in-nagħġa li tidher titbiegħed mix-xena infernali u tlissen kliem ta' tifħir: "AVE MARIA" (it-talba lill-Madonna).



L-artist jippreżentalna kompożizzjoni ċara u diretta ta' narrattiva interessanti. L-akbar spazju huwa rriservat għall-figura tal-Madonna li tidher bilqiegħda fuq quddiem tal-kwadru. Bi lbies tipiku fl-ikonografija Marjana, il-Madonna tidher f'mument mill-aktar seren, f'idha waħda żżomm bastun u fl-oħra tindokra nagħġa li tidher qrib tagħha. Il-figura kontropposta u ċentrali tal-Madonna mhux biss tiġbed l-attenzjoni tal-ispettatur, imma toħloq kuntrast eċċellenti mal-figura mtajra tal-Arkanġlu San Mikiel. Dan tal-aħħar jidher fuq il-lemin tal-kwadru b'tarka f'idu jissielet ma' lupu qalb fjammi, f'xena infernali. Kuntrast atmosferiku eċċellenti jinħoloq bejn ix-xena tal-aħħar u dik prinċipali. Il-qtajja' ħelwa tal-anġli li tidher tittajjar fuq ras il-Madonna toħloq bħal konfini kompożizzjonali fittizji li jitwaħħdu mal-bqija tal-elementi li jsawru x-xena ta' quddiem. Il-forma piramidali li tinħoloq bil-figura tal-Madonna u n-nagħaġ li jidhru fuq in-naħa ta' isfel tal-kwadru żżid mal-ħila artistika tal-pittur li bħal oħrajn, jagħraf juża elementi ġeometriċi biex iwassal il-ħsieb tiegħu bl-aktar mod dirett. Ta' interess fl-evalwazzjoni tal-kwadru huwa s-sors tad-dawl li jikkaratterizza l-kompożizzjoni. Għalkemm l-artist joħloq kuntrasti sbieħ b'dan l-element, xi partijiet ifallu mill-immaġni realistika tagħhom. Dan in-nuqqas jidher l-aktar fil-parti ta' isfel tal-kwadru. Barra minn hekk, ix-xena li tidher fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru ma tiddistingwix ruħha mix-xena prinċipali, hekk li l-qawwa tad-dawl li tikkumplimenta x-xena tal-aħħar hija l-istess bħal dik li ddawwal l-attività fl-isfond. Mill-bqija, għajr għall-ilwien tal-Madonna u l-Arkanġlu, il-kwadru jagħti impressjoni monokromatika.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna *(Divina) Pastorella* taf l-oriġni tagħha fi Spanja sa mill-bidu tas-seklu tmintax. Wara xi żmien dan l-interess devozzjonali ġie adottat fl-Italja u għadu sħiħ sal-ġurnata tal-lum f'villaġġi żgħar bħal Montegiordano fil-Calabria, li jinsab fil-parti ta' isfel tal-Italja. Ta' interess f'dan il-kuntest hija l-varjazzjoni fl-interpretazzjoni. Fil-maġġoranza tal-kwadri, il-Madonna hija akkumpanjata mill-figura tal-Bambin bilqiegħda fuq ħoġorha. F'eżempji oħra l-Madonna tidher liebsa kappell u xi lbies tipiku ieħor tar-raħħala. Elementi bażiċi bħall-bastun u n-nagħaġ jidhru f'kull immaġni.

Għalkemm il-kwadru jidher f'kundizzjoni tajba frott ta' intervent riċenti, xi partijiet jeħtieġu attenzjoni professjonali. Jidher li f'xi waqt parti kbira fuq ras il-Madonna sofriet xi ħsara li tat lok għal intervent mhux daqshekk professjonali u sodisfaċenti fuq il-kwadru. It-tama hi li, bħal fil-każ ta' ħafna kwadri oħra fl-istess kumpless, intervent professjonali jerġa' jikseb lil dan ix-xogħol is-sbuħija oriġinali tiegħu.